MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 256/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Matthew Carter**

**Illum 25 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju 2008 u fl-aħħar xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer f'ħinijiet differenti:

1. Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur ta-didspożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijeit li ghandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31

tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tiegħu medċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijeit li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati liema mediċina nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Lulju, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 3(1) tal-Avviz legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A(1B) tal-Kap. 31 kif ukoll l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tat-tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ hdax-il xahar kif ukoll ghall-hlas ta’ multa ta’ €700, liema multa tista’ tithallas b’rata ta’ mitt Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc jithallas f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti skond kif jigu likwidati mir-Registratur.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn

sabitu hati tat-tielet akkuza w tannullaha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza w konsegwentement tvarja l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi in linea preliminari, n-nullita' tal-proceduri fir-rigward ta' l-akkuzi taht il-kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta stante mankanza ta' ordni ta' l-Avukat Generali rikjesta ad validitatem fit-termini ta' l-artikolu 120(a)(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi fil-mertu bla pregudizzju, jinghad is-segwenti w dan avolja l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti ammetta l-fatt migjub kontrih :-
Illi meta l-esperti kkonkludew r-rapporti taghhom stranament dawn qatt ma gew esebiti in atti.
Illi minhabba fil-premess l-appellant anke f'dan l-istadju jidhirlu li dawn ir-rapporti ghandhom jigu esebiti sabiex il-Qorti tiddetermina jekk il-pilloli *de quo* kinux verament ecstasy jew le. Dan peress li jekk jirrizulta xort'ohra, l-element materjali tar-reat ma jkunx jissussisti w ghalhekk l-appellant ma jkunx jista' jinstab hati ta' l-akkuzi relattivi.
Illi dwar it-tielet akkuza, fejn l-appellant gie akkkuzat b'pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, fit-termini ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant ghadu jippersisti fl-ammissjoni tieghu.
Illi dwar il-piena, l-appellant ihoss li din kienet eccessiva. Jinghad li Rachel Mifsud li ammettiet li kienet komplici ma' l-appellant, giet ikkundannata biss xahar prigunerija.
Illi huwa minnu li komparazzjonijiet fil-pieni huma odjuzi, w li fil-konfront ta' Rachel Mifsud gie applikat l-artikolu 29 ta' Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, izda xorta l-appellant ihoss li ghandu jissottolinea li m'hemmx proporzjoni bejn iz-zewg sentenzi.
Illi inoltre l-appellant dak iz-zmien kien ghad kellu appena dsatax-il sena, ghandu kondotta netta w llum qed jahdem regolarment.

Ikkunsidrat :

Illi l-appellant Matthew Carter tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta' Gunju 2008 sabiex iwiegeb ghall-tlett akkuzi principali illi huma traffikar, bejgh u qsim kif ukoll pussess ta' medicina psikotropika w ristretta w cioe' ecstasy minghajr awtorizazzjoni specjali miksub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif ukoll pussess tar-raza tal-cannabis.

Il-kunsens tal-Avukat Generali bid-data 30 ta' Gunju, 2008 sabiex il-kawza tigi trattata w deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sar bis-sahha tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 jinsab esebit a fol. 5 tal-process.

Kif tajjeb osserva l-appellant il-Qorti tal-Magistrati ma gietx moghtija awtorizzazzjoni biex tiddetermina l-ewwel zewg akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat bis-sahha tal-artikolu 120A (2) tal-Kap. 31, liema awtorizzazzjoni hija eskluza ghal kollox mill-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Gunju, 2008.

Jidher illi dan il-fatt sfugga l-partijiet waqt li kienu qeghdin jittrattaw il-kawza fl-ewwel stadju. Tant hu hekk illi fit-2 ta' Dicembru 2008 hemm verbal tal-ammissjoni tal-imputat (fol. 64). Hemm ukoll dikjarat li "Dr. Herrera w l-Ispettur Jesmond J. Borg irrakkomandaw lill-Qorti tikunsidra piena ta' sitt xhur prigunerija."

Dan il-verbal gie emendat fis-seduta ta' wara dik tas-27 ta' Marzu 2009 fejn il-prosekuzzjoni qalet "l-ufficjal Jesmond J. Borg jixtieq jiccara l-verbal precedenti li dak il-verbal kien sar mid-difiza w mhux mill-prosekuzzjoni."

B'dan l-ahhar verbal il-prosekuzzjoni qeghda tiddisasocja mill-verbal precedenti u cioe' r-rakkommandazzjoni ta' sitt xhur prigunerija.

L-Ewwel Qorti ghaddiet ghal prolazzjoni tas-sentenza fis-6 ta' Lulju, 2009 u fil-parti konkluzzjonali taghha rreferiet ghall-artikolu 120A(1) u 120A(2) tal-Kap. 31 wara li ddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' hdax il-xahar u multa ta' seba' mitt Ewro (€700).

L-appellant issa qieghed jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tal-ewwel zewg akkuzi dawk li jirrigwardaw l-ecstasy peress illi l-Qorti tal-Magistrati ma kienitx awtorizzata tiddeciedi dak il-Kap bil-kunsens li kien ta l-Avukat Generali fit-30 ta' Gunju, 2008.

Dan l-argument jidher illi sab il-konfort ukoll tal-Avukat Generali fejn qabel ma l-appellant illi awtorizzazzjoni ma kienx hemm.

Ikkunsidrat :

Fl-isfond tas-suespost jidher illi huwa accettat illi ma kienx hemm kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-Qorti tal-Magistrati tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg akkuzi addebitati lill-appellant. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kienitx awtorizzata tikkundanna lill-appellant ukoll ghal dawn iz-zewg kapi, dana minkejja l-ammissjoni tieghu registrata fil-verbal tat-2 ta' Dicembru, 2008.

Fil-kawza fl-ismijiet "il-Pulizija vs martin J. Camilleri" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal fl-20 ta' Jannar 1995, il-Qorti kienet qalet *"fuq ammissjoni tal-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax illi l-imputat ma kienx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu illi jammetti illi huwa hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah u cioe' ssibu hati ta' reat."*

Hija din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim illi japplika ghal dan il-kaz, peress illi bin-nuqqas ta' kunsens tal-Avukat Generali, l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundanna lill-imputat ghall-ewwel zewg akkuzi u dana nonostante l-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza w tannullaha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija rigwardanti l-ewwel zewg akkuzi u konsegwentement tvarja l-piena nflitta fis-sens illi tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur u multa ta’ seba’ mitt Ewro (€700) bil-modalita’ ta’ hlas u kondizzjonijiet ohra kif indikati mill-Ewwel Qorti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------